



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 9 ta' Frar 2024
(OR. en)

05951/24

CFSP/PESC 172
CSDP/PSDC 53
CIVCOM 16
EUMC 43
COEST 85
COHOM 10
JAI 142
RELEX 126
CSC 47
PSC DEC 5

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ li testendi l-mandat tal-Kap tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea fl-Armenja (EUMA) (EUMA/1/2024)

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2024/...

ta' ...

**li testendi l-mandat tal-Kap tal-Missjoni
tal-Unjoni Ewropea fl-Armenja (EUMA)
(EUMA/1/2024)**

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/162 tat-23 ta' Jannar 2023 dwar Missjoni tal-Unjoni Ewropea fl-Armenja (EUMA)¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 8 tagħha,

¹ ĠU L 22, 24.1.2023, p. 29.

Billi:

- (1) Permezz tad-Deċiżjoni (PESK) 2023/162, il-Kunsill awtorizza lill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS), f'konformità mat-tielet paragrafu tal-Artikolu 38 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, biex jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti dwar il-kontroll politiku u d-direzzjoni strateġika tal-EUMA, inkluż id-deċiżjonijiet dwar il-ħatra tal-Kap tal-Missjoni, fuq proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà.
- (2) Fl-24 ta' Jannar 2023, il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2023/164¹ li taħtar lis-Sur Markus RITTER bħala Kap tal-Missjoni ta' EUAM mill-24 ta' Jannar 2023 sal-20 ta' Frar 2024.
- (3) Fis-26 ta' Jannar 2024, ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà ppropona li l-mandat tas-Sur Markus RITTER bħala Kap tal-Missjoni ta' EUMA jiġi estiż mill-21 ta' Frar 2024 sad-19 ta' Frar 2025,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ ĠU L 23, 25.1.2023, p. 18.

Artikolu 1

Il-mandat tas-Sur Markus RITTER bħala Kap tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea fl-Armenja (EUMA) huwa b'dan estiż mill-21 ta' Frar 2024 sad-19 ta' Frar 2025.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Għandha tapplika mill-21 ta' Frar 2024.

Magħmul fi Brussell,...

Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà
Il-President